MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2005

**Paul Magri u Alfred Borg**

**vs**

**Emmanuel u Marthese konjugi Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew illi:

L-atturi rrendew diversi xogholijiet ta` kostruzzjoni u alterazzjonijiet ta` natura strutturali fosthom ftuh ta` travi u bibien u servizzi ohra b`inkarigu tal-konvenuti fil-proprjeta` maghrufa bhala “Language School” gewwa Paceville, liema xogholijiet tlestew f`Novembru, tas-sena 2000.

L-atturi ghandhom jithallsu s-somma ta` sitt elef, tlett mija u sittax il-lira Maltin (Lm 6,316) dwar dawn ix-xogholijiet minnhom rezi lill-konvenuti.

Il-konvenuti anke hargu cekkijiet a favur l-atturi f`din is-somma ta` sitt elef, tlett mija u sittax il-lira Maltin (Lm 6,316), u dan skond ma jirrizulta mill-annessi Dokumenti A u B, liema cekkijiet kienu gew iffirmati mill-konvenut Emmanuel Cutajar fil-prezenza tal-Pulizija mit-Taqsima kontra l-Frodi pero` xorta ma gewx onorati mill-Bank.

Il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma ta` sitt elef, tlett mija u sittax il-lira Maltin (Lm 6,316) izda baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1) Tikkundannhom flimkien u *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` sitt elef, tlett mija u sittax il-lira Maltin (Lm 6,316).

Bl-imghaxijiet minn Novembru 2000 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-17 ta` Frar, 2004 u tal-ittra legali tas-6 ta` Lulju, 2004 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn dawn eccepew illi:

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni attrici abbazi ta` l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta);

2. Bla pregudizzju ghall-premess l-ammont pretiz mhux dovut jew ghandu jigi ridott ghal dak l-ammont li jirrifletti l-prezz tax-xogholijiet ezegwiti skond il-prezzijiet miftiehma;

3. Barra minn hekk huma qed jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni ttentata mill-atturi u qed jintavolaw kontro-talba biex jirrikonvenzjonaw lill-atturi ghall-hlas tad-danni li l-eccipjenti sofrew u li huma dovuti ghall-fatt li l-atturi kienu tardivi fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet lilhom moghtija, ghal xi

hsarat li kkagjonaw, u ghall-prezz ta` l-ghodda moghtija lill-atturi u li ma rrestitwewx;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat il-kontro talba ta` Emmanuel, Marthese konjugi Cutajar:

L-istanti Emmanuel Cutajar, zewg Marthese Cutajar, inkariga lill-atturi rikonvenuti Paul Magri u Alfred Borg sabiex jaghmlu xogholijiet ta` ftuh ta` travi u ta` bibien u xi xogholijiet ohra fil-Language School ta` Paceville, San Giljan, liema xogholijiet kienu gew moghtija lill-esponent minn Hal Mann Projects Limited.

L-atturi rikonvenuti kellhom ilestu dawn ix-xogholijiet entro t-terminu stabbilit.

L-atturi rikonvenuti kienu tardivi fl-ezeguzzjoni ta` l-istess xogholijiet u anki kkagjonaw xi hsarat waqt l-istess xogholijiet, liema danni jammontaw ghas-somma ta` elfejn disa` mija u sitta u sittin lira maltija (Lm 2,966).

L-istanti rikonvenjent silef ghodda lill-atturi rikonvenuti u dawn naqqsu li jirritornawhom jew li jhallsu prezzhom fl-ammont ta` hames mija u erba` u erbghajn lira maltija (Lm 544).

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi rikonvenuti kienu tardivi fl-ezeguzzjoni tax-xogholijiet lilhom moghtija mill-konvenut rikonvenjent fil-Language School ta` Paceville, San Giljan, u illi kkagjonaw hsarat fl-ezeguzzjoni ta` l-istess xogholijiet.

2. Tikkundanna lill-atturi rikonvenuti jhallsu lill-atturi rikonvenjenti s-somma ta` Lm 2,966 jew dik is-somma verjuri aktar jew anqas bhala danni kagjonati minnhom fl-ezeguzzjoni ta` l-imsemmija xogholijiet.

3. Tordna lill-atturi rikonvenuti jirritornaw lill-konvenuti rikonvenjenti l-ghodda lilhom mislufa waqt ix-xogholijiet u fin-nuqqas tikkundannhom ihallsu lill-esponenti rikonvenjenti prezzhom fl-ammont ta` Lm 544.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta` l-ezeguzzjoni tax-xogholijiet sad-data ta` l-effettiv pagament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta` Paul Magri u Alfred Borg ghall-istess kontro talba:

1. It-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba ntavolata mill-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-ammont reklamat mill-atturi rikonvenuti f`din il-kawza huwa biss ta` sitt elef, tlett mija u sittax il-lira Maltin (Lm 6,316), liema ammont kien gie ffissat mill-istess konvenut Emmanuel Cutajar li hareg ukoll cekkijiet f`dan l-ammont zmien twil wara li tlestew ix-xogholijiet in kwistjoni, wara li naqqas il-penali li kienet giet imposta fuqu minhabba dewmien [li kienet fis-somma ta` elfejn lira Maltin (Lm 2,000) u mhux elfejn u disa` mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm 2,966)] u kif ukoll is-somma ta` hames mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm 544) hemm indikata fil-kontro-talba mis-somma akbar ta` tmien t`elef, tmien mija u sittin lira Maltin (Lm 8,860) originarjament dovuta lill-atturi, liema sommom issa l-konvenuti qed jittentaw jergghu inaqqsu ghat-tieni darba minn dak dovut minnhom.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta` Emmanuel Cutajar tat-12 ta` Dicembru, 2007 li biha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti.

Rat in-nota tal-istess Emmanuel Cutajar li biha ceda l-kontro talba fil-konfront tal-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta` Dicembru, 2007 fejn il-partijiet qablu li l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti konjugi Cutajar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet kollha tal-atturi Paul Magri u Alfred Borg kif kontenuti fic-citazzjoni.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontro talba tal-konjugi Emmanuel u Marthese Cutajar.

L-ispejjez jithallsu mill-istess Emmanuel u Marthese konjugi Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------